MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 759/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Edward Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li fih il-Bank attur ippremetta illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata fis-26 ta` Frar, 2002 (Dok. A), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilita` bankarja lil konvenut Edward Falzon;

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Edward Falzon fis-somma ta` sitt elef, mitejn u sebghin Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,270.15) bilanc

ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta` Edward Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"B"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-26 ta` Gunju, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata (u hawn esebita bhala Dokument *"A"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Edward Falzon;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulate fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura private sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Edward Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-attur nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 13 ta` Lulju, 2006, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. *"C"*, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha imadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

6. tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura private datata 26 ta` Frar, 2002 fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument *"A"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Edward Falzon (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Edward Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw

hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

7. Tikkundanna lil Edward Falzon jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitt elef, mitejn u sebghin Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,270.15) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta` Edward Falzon mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok *"B"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-26 ta` Gunju, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 13 ta` Lulju, 2006 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta.

Rat in-nota ta` ammissjoni tal-konvenut datata 1 ta` Marzu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat li t-talbiet tal-Bank gew pruvati minghajr hjiel ta` dubbju.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet kollha tal-Bank of Valletta kif dedotti fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------